# Merħba bikom mid-Dar ta' Nazareth

**Kitba ta' Dun Ang. Seychell**

Merħba bikom jekk titħajru taslu wasla sa Dar Nazareth, fi Triq Santu Wistin! Jekk tiġu u tidħlu fil-kamra spazjuża fejn nieklu u naraw it-televiżjoni, ħarsu 'l fuq u taraw kwadru li fih hemm imniżżel dan il-kliem:-

"Aħna nfittxu li nroddu mill-ġdid lin-nies b'diżabbilita` l-umanita` partikulari tagħhom, dik l-umanita` li tabilħaqq ġiet misruqa lilhom. Biex dan iseħħ, hu meħtieġ li jiħoloq ambjent sħun ta' familja li fih in-nies ikunu kapaċi jiżviluppaw daqskemm għandhom ħila, biex igħixu ħienja kemm jista' jkun u jsiru tabilħaqq dak li huma".

Dan il-kliem jixhed eżatt għalfejn qegħda Dar Nazareth - biex toffri familja jew kommunita` lil dawk il-persuni b'diżabbilita` li ma għandhomx familja jew għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux igħixu fi ħdan il-familja tagħhom. F'dil-kommunita` l-persuni b'diżabbilita` fiżika jew intelletwali jgħixu flimkien ma' oħrajn li jqisu lilhom infushom daqshom u assistenti tagħhom.

Aħna nemmnu li kull bniedem għandu l-jedd u l-ħtieġa li jgħix ġo familja. Ħadd ma jista' jgħix tabilħaqq ġo istituzzjoni jew sptar imma f'ambjent żgħir ta' familja. Kien għalhekk li ħafna mir-residenti ta' Dar Nazareth huma nies li qabel kienu jgħixu f'istituzzjoni jew fi sptar u aħna ħrignihom minn hemm biex ikunu jistgħu jgawdu bħal ħaddieħor ambjent ta' familja.




*Il-logo ta' Dar Nazareth*

### Bdejna fl-1995

Din l-avventura bdiet isseħħ fit-8 ta' Settembru 1995. Persuni b'diżabbilita` miż-Żejtun u bnadi oħrajn bdew deħlin bħala residenti f'Dar Nazareth biex jagħmlu minnha d-Dar tagħhom. Magħhom bħalissa hemm ngħixu jiena, koppja żagħżugħa li ħalliet d-dar tagħha f'Ħal Kirkop biex tgħammar magħna għal sentejn, u t-tifel tagħhom li dalwaqt jagħlaq erba' snin. Ħloqna ambjent sabiħ li fih naqsmu l-ħajja flimkien: ngħixu flimkien, nieklu flimkien, nifirħu u ninkwetaw flimkien, nerfgħu t-tagħbijiet ta' xulxin.

Matul dawn il-ftit snin li ilna flimkien nista' ngħid li rajt in-nies jinbidlu, jagħmlu progress f'saħħithom u f'qalbhom u joħorġu minn ġo fihom il-ħafna ħwejjeġ sbieħ li kellhom moħbija. It-tbissima u l-ferħ tagħhom, it-trasparenza u l-ko-operazzjoni tagħhom huma ħlas biżżejjed għat-taħbit kollu li jitħabtu dawk li minn jeddhom riedu jkunu l-assistenti tagħhom.

### Ħuġġieġa ta' mħabba.

Dar Nazareth nisthajjilha zokk ta' sulfarina li qabbadna u bih qabdet ħuġġieġa sħiħa ta' mħabba. L-interess tan-nies taż-Żejtun u ta' postijiet oħra qatt ma qata' tul dawn is-snin. Ħafna nies lemħu lil Dar Nazareth u ħassew ġo fihom li għandhom idawwru l-familja ta' Dar Nazareth b'imħabbithom. Hemm min jagħmel dan bl-offerti finanzjarji, żgħar jew kbar, li jsiru bla ma nitolbuhom - għax aħna QATT ma nagħmlu ġbir jew appelli għall-flus mingħand il-pubbliku; min jagħmlu bil-għoti ta' frott u ħxejjex u għamara u ħwejjeġ; u min jagħmlu bil-għotja tiegħu nnifsu bħala volontiera.


Dar Nazareth minn barra

Ix-xogħol volontarju f'Dar Nazareth ma waqaf qatt. Hemm kull sura ta' xogħol volontarju: koki, ħassiela, dawk li jagħmlu manutenzjoni, professjonisti, dawk li jżommu l-kontijiet ta' x'jidħol u x'joħroġ ħalli darba fis-sena noħorġu rapport finanzjarju magħmul minn ditta apposta ta' "*accountants*". Fuq kollox hemm dawk il-koppji li nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi jieħdu post il-koppja li tgħix magħna u jieħdu fuqhom ir-responsabbilta` li jsajru għall-kommunita` kollha u joħorguhom. Għandna dejn kbir ma' dawn li ma jitħallasx bil-flus!

**Nemmnu fid-dinjita`**

F'Dar Nazareth aħna nemmnu fid-dinjita` tal-bniedem. Nemmnu fid-dinjita` tax-xogħol u għalhekk kuljum, mit-Tnejn tal-Ġimgħa kull resident jitlaq mid-Dar biex jagħmel xi xogħol kreattiv jew fil-ħanut tax-xogħol li għandna maġenb id-Dar jew barra miż-Żejtun. Matul dawn is-snin ir-residenti tagħna tgħallmu jagħmlu ħafna xogħol sabiħ, kif jidher fil-vetrina li għandna mad-Dar li fiha nuru x-xogħlijiet tagħhom. Qed jittieħdu passi biex fi żmien qasir il-ħanut tax-xogħol jittieħed fil-parti iżjed ċentrali taż-Żejtun.

Nemmnu fid-dinjita` li tissarraf fl-indipendenza li biha jgħix il-bniedem. Anke r-residenti tagħna jitħarrġu fl-indipendenza. Tgħallmu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom fid-Dar: jifirxu s-sodda, inaddfu l-kamra, jaħslu l-platti, jarmu ż-żibel, igħinu lil xulxin, jieħdu l-kolazzjon.

Ir-residenti ta' Dar Nazareth huma integrati ġmielhom fil-kommunita` fejn jgħixu. Hemm min imur il-Museum, min imur il-*Youth Centre*, min jitla' kuljum d-Domus, min jilgħab ma' tim tal-futbol, min jaħsel il-karozzi ta' diversi ħbieb!

Id-dinjita` tidher ukoll fejn jidħlu l-flus. Id-Dar ma tieħux il-pensjoni kollha li għandhom ir-residenti.


Kull anniversarju tal-ftuħ ta' Dar Nazareth, għadd ta' voluntiera jweghdu bil-miktub sena ta' ħidma.

Terz minnha tibqa' tagħhom, bħala ħlas tax-xogħol li jagħmlu u biex ikollhom mnejn jixtru l-bżonnijiet personali tagħhom b'mod li qatt ma jkollhom għalfejn jittalbu.

**Fondazzjoni awtonoma**

Illum Dar Nazareth hija fondazzjoni awtonoma legalment imwaqqfa u mmexxija minn bord ta' diretturi li l-president tiegħu hu t-tabib Andrew Baldacchino.

Inħossu li b'Dar Nazareth imlejna xi vojt. Imma l-vojt għadu kbir. Għalhekk iddeċidejna li niftħu t-tieni Dar għall-persuni b'diżabbilita` fiż-Żejtun!